

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ipubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**      **REGOLAMENT (UE) Nru 211/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**tas-16 ta' Frar 2011**  
**dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini**  
 (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2012 tal-25 ta' Jannar 2012	L 89	1	27.3.2012
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
► <b><u>M3</u></b>	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 887/2013 tal-11 ta' Lulju 2013	L 247	11	18.9.2013
► <b><u>M4</u></b>	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 531/2014 tat-12 ta' Marzu 2014	L 148	52	20.5.2014
► <b><u>M5</u></b>	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1070 tal-31 ta' Marzu 2015	L 178	1	8.7.2015
► <b><u>M6</u></b>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1239 tad-9 ta' Lulju 2018	L 234	1	18.9.2018

Ikkoreġut minn:

- **C1**      Emendi, Ġ.U. L 94, 30.3.2012, p. 49 (211/2011)
- **C2**      Emendi, Ġ.U. L 354, 11.12.2014, p. 90 (887/2013)



**REGOLAMENT (UE) Nru 211/2011 TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-16 ta' Frar 2011**

**dwar l-inizjattiva taç-çittadini**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taç-çittadini kif previst fl-Artikolu 11 TUE u l-Artikolu 24 TFUE.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Inizjattiva taç-çittadini" tfisser inizjattiva ppreżentata lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, li tistieden lill-Kummissjoni, fl-ambitu tas-setgħat tagħha, biex tippreżenta kwalunkwe proposta adatta dwar kwistjonijiet fejn iç-çittadini jqisu li att legali tal-Unjoni hu meħtieġ għall-għan tal-implimentazzjoni tat-Trattati, li tkun irçeviet l-appoġġ ta' mill-anqas miljun firmatarju eliġibbli li jkunu ġejjin minn kwart tal-Istati Membri kollha;
- (2) "Firmatarji" tfisser çittadini tal-Unjoni li jkunu appoġġjaw inizjattiva taç-çittadini partikolari billi mlew formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ għal dik l-inizjattiva;
- (3) "Organizzaturi" tfisser persuni fiżiçi li jiffurmaw kumitat taç-çittadini responsabbli għall-preparazzjoni ta' inizjattiva taç-çittadini u l-presentazzjoni tagħha lill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti għall-organizzaturi u għall-firmatarji**

1. L-organizzaturi għandhom ikunu çittadini tal-Unjoni u jkunu tal-età li tintitolahom jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

2. L-organizzaturi għandhom jiffurmaw kumitat taç-çittadini ta' mill-anqas seba' persuni li jkunu residenti f'tal-anqas seba' Stati Membri differenti.

L-organizzaturi għandhom jaħtru rappreżentant wieħed u sostitut wieħed ("il-persuni ta' kuntatt"), li għandhom ikunu ta' kuntatt bejn il-kumitat taç-çittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha u li għandu jkollhom mandat li jitkellmu u jaġixxu f'isem il-kumitat taç-çittadini.

L-organizzaturi li jkunu Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhomx jingħaddu għall-għanijiet li jintlaħaq in-numru minimu rikjest biex jiġi fformat kumitat taç-çittadini.

Għall-għan ta' reġistrazzjoni ta' inizjattiva taç-çittadini proposta skont l-Artikolu 4, hija biss l-informazzjoni dwar is-seba' membri tal-kumitat taç-çittadini li huma meħtieġa sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u f'dan il-paragrafu li għandha titqies mill-Kummissjoni.

**▼B**

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-organizzaturi biex jipprovdu prova xierqa li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ġew sodisfatti.
4. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u tal-età li tintitolahom jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

*Artikolu 4***Reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta**

1. Qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzaturi għandhom ikunu meħtieġa jirreġistrawha mal-Kummissjoni, filwaqt li jipprovdu l-informazzjoni stipulata fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-oġġettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Dik l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, f'reġistru online li jkun disponibbli għal dak il-għan mill-Kummissjoni ("ir-reġistru").

L-organizzaturi għandhom jipprovdu, għar-reġistru u fejn ikun xieraq fuq il-websajt tagħhom, informazzjoni aġġornata b'mod regolari dwar is-sorsi ta' appoġġ u l-iffinanzjar għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Wara li r-reġistrazzjoni tkun ikkonfermata skont il-paragrafu 2, l-organizzaturi jistgħu jipprovdu l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni biex tiddaħħal fir-reġistru. It-traduzzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni għandha tkun ir-responsabbiltà tal-organizzaturi.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi punt ta' kuntatt li jagħti informazzjoni u assistenza.

2. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni stipulata fl-Anness II, il-Kummissjoni għandha tirreġistra proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini taħt numru ta' reġistrazzjoni uniku u tibgħat konferma lill-organizzaturi, bil-kondizzjoni li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kumitat taċ-ċittadini jkun ġie fformat u l-persuni ta' kuntatt ikunu ġew maħtura skont l-Artikolu 3(2);
- (b) l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;
- (c) l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja; u
- (d) l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2 TUE.

3. Il-Kummissjoni għandha tiċħad ir-reġistrazzjoni jekk il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ma jiġux sodisfatti.

**▼B**

Fejn tirrifjuta li tirreġistra inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzaturi bir-raġunijiet għal dan ir-rifjut u bir-rimedji ġuridiċi u extraġuridiċi kollha possibbli disponibbli għalihom.

4. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru. Bla ħsara għad-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, is-suġġetti tad-data għandhom ikunu intitolati li jitolbu li d-data personali tagħhom titneħħa mir-reġistru wara l-iskadenza ta' perijodu ta' sentejn mid-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

5. Fi kwalunkwe mument qabel il-presentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ skont l-Artikolu 8, l-organizzaturi jistgħu jirtiraw inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata. F'dak il-każ, għandha tiddaħħal indikazzjoni ta' dan fir-reġistru.

*Artikolu 5***Proċeduri u kondizzjonijiet għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ**

1. L-organizzaturi għandhom ikunu responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 4.

Jistgħu jintużaw biss formoli li jikkonformaw mal-mudelli stabbiliti fl-Anness III u li huma f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi inklużi fir-reġistru għal dik l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. L-organizzaturi għandhom jimlew il-formoli kif indikat fl-Anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi għall-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

2. L-organizzaturi jistgħu jiġbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'format ta' karta jew dak elettroniku. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru online, għandu japplika l-Artikolu 6.

Għall-għan ta' dan ir-Regolament, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, li jkunu ffirmati elettronikament permezz ta' firma elektronika avvanzata, fit-tifsira tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi<sup>(1)</sup>, għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'format ta' karta.

3. Il-firmatarji għandhom ikunu obbligati li jimlew il-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ipprovduti mill-organizzaturi. Huma għandhom jindikaw biss id-data personali li hija meħtieġa għall-finijiet tal-verifika mill-Istati Membri, kif stipulat fl-Anness III.

Il-firmatarji jistgħu jappoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta partikolari darba waħda biss.

4. L-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni kwalunkwe tibdil għall-informazzjoni stipulata fl-Anness III. B'kont meħud ta' dak it-tibdil, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati, skont l-Artikolu 17 u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 18 u 19, emendi għall-Anness III.

<sup>(1)</sup> ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

**▼B**

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha għandhom jinġabru wara d-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta u f'perijodu li ma jaqbix it-12-il xahar.

Fit-tmiem ta' dak il-perijodu, ir-reġistru għandu jindika li l-perijodu jkun skada u, fejn ikun xieraq, li ma jkunx inġabar in-numru meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

*Artikolu 6***Sistemi ta' ġbir online**

1. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru online, id-data li tinkiseb online permezz tas-sistema ta' ġbir online għandha tinħażen fit-territorju ta' Stat Membru.

Is-sistema ta' ġbir online għandha tiġi ċċertifikata skont il-paragrafu 3 fl-Istat Membru li fih ser tinħażen id-data miġbura permezz tas-sistema ta' ġbir online. L-organizzaturi jistgħu jużaw sistema ta' ġbir online waħda għall-fini tal-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'diversi Stati Membri jew fl-Istati Membri kollha.

Il-mudelli għall-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jiġu adattati għall-għan tal-ġbir online.

2. L-organizzaturi għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġbir online użata għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tikkonforma mal-paragrafu 4.

Qabel ma jingħata bidu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-organizzaturi għandhom jitolbu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti biex tiċċertifika li s-sistema ta' ġbir online użata għal dak il-għan tikkonforma mal-paragrafu 4.

L-organizzaturi jistgħu jibdeu il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ permezz tas-sistema ta' ġbir online biss ladarba jkunu kisbu ċċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3. L-organizzaturi għandhom jagħmlu kopja ta' dak iċċertifikat disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web użat għas-sistema ta' ġbir online.

Sal-1 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni għandha twaqqaf u wara dan għandha żżomm open-source software li jkun fih il-karatteristiċi tekniċi u tas-sigurtà rilevanti meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tas-sistemi tal-ġbir online. Is-software għandu jkun disponibbli mingħajr ħlas.

3. Fejn is-sistema ta' ġbir online tikkonforma mal-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha fi żmien xahar toħroġ ċertifikat dwar dan skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV.

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

4. Is-sistemi ta' ġbir online għandu jkollhom stabbiliti karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw li:

(a) huma l-persuni fiżiċi biss li jistgħu jippreżentaw formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ online;

**▼B**

- (b) id-data provduta online tinġabar u tinħażen b'mod sigur, biex jiġi żgurat, inter alia, li ma tkunx tista' tiġi modifikata jew użata għal xi għan ieħor ħliet bħala appoġġ għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u biex ikun hemm protezzjoni kontra tħassir aċċidentali jew kontra l-liġi jew li tintilef b'mod aċċidentali, tinbidel jew li jkun hemm żvelar jew aċċess mhux awtorizzat.
- (c) is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'forma li tikkonforma mal-mudelli stabbiliti fl-Anness III, sabiex tippermetti l-verifika mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8(2).
5. Sal-1 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 20(2).

*Artikolu 7***Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru**

1. Il-firmatarji ta' inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn kwart tal-Istati Membri.
2. F'tal-anqas kwart tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'mill-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stipulati, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, fl-Anness I. Dawk in-numri minimi għandhom jikkorrispondu għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikati b'750.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati, skont l-Artikolu 17 u suġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 18 u 19, aġġustamenti xierqa għall-Anness I sabiex tiġi riflessa kull modifika fil-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Il-firmatarji għandhom jitqiesu li ġejjin mill-Istat Membru li huwa responsabbli għall-verifika tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1).

*Artikolu 8***Verifika u ċertifikazzjoni mill-Istati Membri ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ**

1. Wara li jkun ġabra d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, l-organizzaturi għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, f'format ta' karta jew dak elettroniku, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikolu 15 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dak il-għan l-organizzaturi għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness V u għandhom jisseparaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'format ta' karta, dawk li ġew iffirmati elettronicament permezz ta' firma elettronika avvanzata u dawk miġburin permezz ta' sistema ta' għbir online.

L-organizzaturi għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istat Membru rilevanti kif ġej:

- (a) lill-Istat Membru ta' residenza jew ta' nazzjonalità tal-firmatarju, kif speċifikat fil-punt 1 tal-Parti C tal-Anness III, jew

**▼B**

(b) lill-Istat Membru li ħareġ in-numru ta' identifikazzjoni personali jew id-dokument ta' identifikazzjoni personali indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ, kif speċifikat fil-punt 2 tal-Parti C tal-Anness III.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'perijodu li m'għandux jaqbeż it-tliet xhur minn meta jirċievu t-talba, jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ippreżentati abbażi ta' kontrolli xierqa, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, kif xieraq. Abbażi ta' dan huma għandhom jagħtu lill-organizzaturi ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness VI, li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għall-Istat Membru kkonċernat.

Għall-għan tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-awtentikazzjoni tal-firem m'għandhiex tkun meħtieġa.

3. Iċ-ċertifikat previst fil-paragrafu 2 għandu jinħareġ bla ħlas.

*Artikolu 9***Preżentazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni**

Wara li jkunu kisbu ċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 8(2), u bil-kondizzjoni li l-proċeduri u l-kondizzjonijiet rilevanti kollha stipulati f'dan ir-Regolament ikunu ġew irrispettati, l-organizzaturi jistgħu jissottomettu l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni, akkumpanjata mill-informazzjoni rigward kwalunkwe appoġġ u ffinanzjar li jkunu rċeview għal dik l-inizjattiva. Dik l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fir-reġistru.

L-ammont ta' appoġġ u ffinanzjar riċevut minn kwalunkwe sors li, ladarba jinqabeż trid tingħata l-informazzjoni, għandu jkun identiku għal dak stipulat fir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom <sup>(1)</sup>.

Għall-għan ta' dan l-Artikolu, l-organizzaturi għandhom jagħmlu użu mill-formola stabbilita fl-Anness VII u għandhom jippreżentaw il-formola mimlija flimkien mal-kopji, f'format ta' karta jew dak elettroniku, taċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 8(2).

*Artikolu 10***Proċedura għall-eżami ta' inizjattiva taċ-ċittadini mill-Kummissjoni**

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 9 hija għandha:

- (a) tippubblika l-inizjattiva taċ-ċittadini mingħajr dewmien fir-reġistru;
- (b) tirċievi lill-organizzaturi f'livell xieraq biex tippermettilhom jispjegaw fid-dettall il-kwistjonijiet imqajma mill-inizjattiva taċ-ċittadini;
- (c) fi żmien tliet xhur, tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet finali legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, l-azzjoni li biħsiebha tiegħu, jekk ser tiegħu, u r-raġunijiet għalfejn biħsiebha tiegħu jew ma tiegħu dik l-azzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1.

**▼B**

2. Il-komunikazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tiġi notifikata lill-organizzaturi kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha ssir pubblika.

*Artikolu 11***Smigħ pubbliku**

Meta l-kondizzjonijiet tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 10(1) ikunu sodisfatti, u sal-iskadenza stipulata fil-punt (c) tal-Artikolu 10(1), l-organizzaturi għandhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw l-inizjattiva taċ-ċittadini waqt smigħ pubbliku. Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiżguraw li dan is-smigħ jiġi organizzat fil-Parlament Ewropew, jekk ikun xieraq flimkien ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni li juru x-xewqa li jipparteċipaw, u li l-Kummissjoni tkun rappreżentata f'livell xieraq.

*Artikolu 12***Protezzjoni tad-data personali**

1. Fl-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament, l-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 95/46/KE u d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din.

2. Għall-għanijiet tal-ipproċessar rispettiv minnhom tad-data personali, l-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 15(2) għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-data skont il-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE.

3. L-organizzaturi għandhom jiżguraw li d-data personali miġbura għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari ma tintużax għal kwalunkwe għan ieħor ħliet dak tal-appoġġ indikat għal dik l-inizjattiva, u għandhom jeqirdu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jirċievu għal dik l-inizjattiva u kwalunkwe kopja tagħha mhux aktar minn xahar wara li jippreżentaw dik l-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 jew 18-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta, skont liema tiġi l-ewwel.

4. L-awtorità kompetenti għandha tuża d-data personali li hija tirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari biss għall-fini tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ skont l-Artikolu 8(2), u għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom kollha mhux aktar tard minn xahar wara l-ħruġ taċ-ċertifikat imsemmi f'dak l-Artikolu.

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kopji tagħhom jistgħu jinżammu wara l-limiti taż-żmien stipulati fil-paragrafi 3 u 4 jekk ikun meħtieġ għall-fini ta' proċedimenti legali jew amministrattivi relatati ma' inizjattiva taċ-ċittadini proposta. L-organizzaturi u l-awtorità kompetenti għandhom jeqirdu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom kollha mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' għeluq ta' dawn il-proċedimenti b'deċiżjoni finali.



**▼B**

6. L-organizzaturi għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiproteġu d-data personali kontra qerda aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, partikolarment meta l-ipproċessar jinvolvi t-trasmissjoni ta' data fuq network, u kontra kull forma oħra illegali ta' pproċessar.

*Artikolu 13***Responsabbiltà**

L-organizzaturi għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe ħsara li huma jikkawżaw fl-organizzazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

*Artikolu 14***Penalitajiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi jkunu soġġetti għal penalitajiet xierqa għall-ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:

- (a) dikjarazzjonijiet foloz li jsiru mill-organizzaturi;
- (b) l-użu frodulenti tad-data.

2. Il-penalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 15***Awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri**

1. Għall-għan tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(3), l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti responsabbli sabiex joħorġu ċ-ċertifikat previst fih.

2. Għall-għan tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 8(2), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ taċ-ċertifikati previsti fih.

3. Mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2012, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli pubblikament.

*Artikolu 16***Emendar tal-Annessi**

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 17 u suġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 18 u 19, emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 17***Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adożzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 16 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat.

**▼B**

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 18 u 19.

*Artikolu 18***Revoka tad-delega**

1. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 16 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.
2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega tas-setgħat għandha tagħmel hiliha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perijodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett tar-revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka.
3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri stipulata minnha. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Din għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19***Oġġezzjonijiet għal atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f' perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.
2. Jekk, meta jiskadi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data mniżżla fiha.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għal-fejn oġġezzjonat għall-att delegat.

**▼B***Artikolu 20***Kumitat**

1. Għall-fini tal-implementazzjoni tal-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 21***Notifika tad-dispożizzjonijiet nazzjonali**

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet speċifiċi li jadotta sabiex jimplimenta dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

*Artikolu 22***Reviżjoni**

Sal-1 ta' April 2015, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 23***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **M4***ANNEX I***NUMRU MINIMU TA' FIRMATARJI GĦAL KULL STAT MEMBRU**

Il-Belġju	15 750
Il-Bulgarija	12 750
Ir-Repubblika Ċeka	15 750
Id-Danimarka	9 750
Il-Ġermanja	72 000
L-Estonja	4 500
L-Irlanda	8 250
Il-Greċja	15 750
Spanja	40 500
Franza	55 500
Il-Kroazja	8 250
L-Italja	54 750
Ċipru	4 500
Il-Latvja	6 000
Il-Litwanja	8 250
Il-Lussemburgu	4 500
L-Ungerija	15 750
Malta	4 500
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19 500
L-Awstrija	13 500
Il-Polonja	38 250
Il-Portugall	15 750
Ir-Rumanija	24 000
Is-Slovenja	6 000
Is-Slovakkja	9 750
Il-Finlandja	9 750
L-Isvezja	15 000
Ir-Renju Unit	54 750

## ▼ M3

## ANNEX II

**INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI**

1. It-titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, f'mhux aktar minn 100 karattru;
2. Is-suġġett, f'mhux aktar minn 200 karattru;
3. Deskrizzjoni tal-għanijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li fuqha l-Kummissjoni hija mistiedna taġixxi, f'mhux aktar minn 500 karattru;
4. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati meqjusa rilevanti mill-organizzaturi għall-azzjoni proposta;
5. L-ismijiet sħaħ, l-indirizzi postali, in-nazzjonalitajiet u d-dati ta' twelid tas-seba' membri tal-kumitat taċ-ċittadini, b'indikazzjoni speċifika tar-rappreżentant u s-sostitut kif ukoll l-indirizzi tal-email u n-numri tat-telefown tagħhom <sup>(1)</sup>;
6. Dokumenti li juru l-ismijiet sħaħ, l-indirizzi postali, in-nazzjonalitajiet u d-dati tat-twelid ta' kull wieħed mis-seba' Membri tal-kumitat taċ-ċittadini;
7. Is-sorsi kollha ta' appoġġ u finanzjament għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fil-ħin tar-reġistrazzjoni <sup>(1)</sup>.

L-organizzaturi jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-isfond tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'anness. Jekk jixtiequ, jistgħu wkoll jippreżentaw abbozz ta' att legali.

<sup>(1)</sup> Dikjarazzjoni dwar il-privatezza: f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, is-suġġetti tad-data huma informati li din id-data personali qed tiġabar mill-Kummissjoni għall-iskop tal-proċedura fir-rigward tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Ser ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni l-ismijiet sħaħ tal-organizzaturi, l-indirizzi tal-email tal-persuni ta' kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u l-finanzjament biss. Is-suġġetti tad-data huma intitolati joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-data personali tagħhom għal raġunijiet leġittimi aċċettabbli relatati mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, u jitolbu r-rettifika ta' dik id-data f'kull waqt u t-tneħħija tagħha mir-reġistru online tal-Kummissjoni wara l-iskadenza ta' sentejn mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

## ANNEX III

**FORMOLA TA' DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ — PARTI A <sup>(1)</sup>**  
**(għall-Istati Membri li ma jirrikjedux li jiġi pprovdut numru ta' identifikazzjoni personali/numru ta' dokument ta' identifikazzjoni personali)**

Sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-oqsma kollha f'din il-formola huma obligatorji.

TRID TIMTELA MINN QABEL MILL-ORGANIZZATURI

1. Il-firmatarji kollha fuq din il-formola huma

Jekk jogħġbok immarka biss Stat Membru wieħed għal kull lista.

residenti fi:			IE	UK
residenti jew ċittadini ta':	EE	NL	SK	FI
residenti fi jew ċittadini ta' (iċ-ċittadini li qed jgħixu barra biss jekk informaw lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom dwar il-post ta' residenza tagħhom):	BE	DK	DE	LU

2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea:
3. Data ta' reġistrazzjoni:
4. Indirizz tal-websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea:
5. Titolu ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:
6. Suġġett:
7. Għanijiet ewlenin:
8. Ismijiet u l-indirizzi e-Mail tal-persuni ta' kuntatt:
9. Ismijiet tal-organizzaturi rreġistrati l-oħrajn:
10. Websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (jekk teżisti):

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI

“B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdajt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajt diġà din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.”

▼ **M5**

ISMIJET KOMPLUTI	KUNJOMIJET <sup>(2)</sup>	RESIDENZA (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż) <sup>(3)</sup>	DATA U POST <sup>(4)</sup> TAT-TWELID	NAZZJONALITÀ	DATA U FIRMA <sup>(5)</sup>

- <sup>(1)</sup> Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. L-organizzaturi jistgħu jużaw folji miż-żewġ naħat.
- <sup>(2)</sup> Għan-Netherlands u s-Slovakkja, jekk jogħġbok niżżeġ ukoll l-isem fit-twelid.
- <sup>(3)</sup> Għall-Finlandja, jekk jogħġbok indika biss il-pajjiż ta' residenza permanenti.
- <sup>(4)</sup> Għall-Irlanda, il-Finlandja u r-Renju Unit, jekk jogħġbok indika biss id-data tat-twelid.
- <sup>(5)</sup> Il-firma mhijex mandatorja jekk il-formula tkun sottomessa permezz ta' sistemi ta' ġbir onlajn kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

►<sup>(1)</sup> Stqarrija dwar il-privatezza: Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-data personali pprovduta f'din il-formola se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u magħmula disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Għandek id-dritt li titlob lill-organizzaturi ta' din l-inizjattiva, l- aċċess, ir-rettifika, il-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek.

Id-data tiegħek se tiġi miżmuma mill-organizzaturi għal perjodu massimu ta' żamma ta' 18-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, jew xahar wara li wara li dik l-inizjattiva tiġi preżentata lill- Kummissjoni, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li jressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem l-awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru tiegħek ta' residenza abitwali, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment.

L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini huma kontrolluri skont it-tifsira tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u dawn jistgħu jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji mogħtija f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (jekk hemm) huma disponibbli fl-indirizz tal-web ta' din l- inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali li se tirċievi u tipproċessa d-data personali tiegħek u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/data-protection?lg=mt>. ◀

FORMOLA TA' DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ — PARTI B (1)  
**(għall-Istati Membri li jirrikjedu li jiġi pprovdut numru ta' identifikazzjoni personali/numru ta' dokument ta' identifikazzjoni personali)**

Sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-oqsma kollha f'din il-formola huma obligatorji.

TRID TIMTELA MINN QABEL MILL-ORGANIZZATURI

1. Il-firmatarji kollha fuq din il-formola għandhom numri ta' identifikazzjoni personali/numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali ta': Jekk jogħġbok immarka biss Stat Membru wieħed għal kull lista.

BG	CZ	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	HU	MT	AT	PL	PT	RO	SI	SE
----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----	----

Ara l-Parti C għan-numri ta' identifikazzjoni personali/numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali li jrid jiġi pprovdut wieħed minnhom.

2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea:  3. Data ta' reġistrazzjoni:
4. Indirizz tal-websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea:
5. Titolu ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:
6. Suġġett:
7. Għanijiet ewlenin:
8. Ismijiet u l-indirizzi e-Mail tal-persuni ta' kuntatt:
9. Ismijiet tal-orgnizzaturi rreġistrati l-oħrajn:
10. Websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (jekk teżisti):

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI

"B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdajt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajt diġà din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta."



## F2\_Regolament dwar l-inizjattiva ta - ittadini

▼ **M5**

ISMIJET KOMPLUTI	KUNJOMIJET <sup>(2)</sup>	RESIDENZA (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż) <sup>(3)</sup>	DATA U POST TAT- TWELID <sup>(4)</sup>	NAZZJONALITÀ	NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI/TIP U NUMRU TAD- DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI <sup>(5)</sup>	DATA U FIRMA <sup>(6)</sup>

<sup>(1)</sup> Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. L-organizzaturi jistgħu jużaw folji miż-żewġ naħat.

<sup>(2)</sup> Għall-Bulgarija u l-Greċja, jekk jogħġbok indika wkoll l-isem tal-missier. Għall-Greċja, jekk jogħġbok indika wkoll l-isem tat-twelid.

<sup>(3)</sup> Għal Franza, il-Kroazja, l-Italja, l-Awstrija, il-Polonja u r-Rumanija biss.

<sup>(4)</sup> Għall-Greċja, Spanja, Malta, il-Portugall u r-Rumanija, jekk jogħġbok indika biss id-data tat-twelid. Għal Franza, l-Italja, l-Awstrija u s-Slovenja, jekk jogħġbok indika kemm id-data kif ukoll il-post tat-twelid. Għall-Istati Membri l-oħra, tindika xejn.

<sup>(5)</sup> Għad-dokumenti ta' identifikazzjoni Taljani, jekk jogħġbok indika wkoll l-awtorità emittenti.

<sup>(6)</sup> Il-firma mhijex mandatorja jekk il-formula tkun sottomessa permezz ta' sistemi ta' ġbir onlajn kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

►<sup>(1)</sup> Stqarrija dwar il-privatezza: Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-data personali pprovduta f'din il-formola se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u magħmula disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Għandek id-dritt li titlob lill-organizzaturi ta' din l-inizjattiva, l- aċċess, ir-rettifika, it-tfassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek.

Id-data tiegħek se tiġi miżmuma mill-organizzaturi għal perjodu massimu ta' żamma ta' 18-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, jew xahar wara li wara li dik l-inizjattiva tiġi preżentata lill- Kummissjoni, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li jressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem l-awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru tiegħek ta' residenza abitwali, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment.

L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini huma kontrolluri skont it-tifsira tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u dawn jistgħu jiġu kkuntattati bl-użu tad-dettalji mogħtija f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (jekk hemm) huma disponibbli fl-indirizz tal-web ta' din l- inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst f'din il-formola.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali li se tirċievi u tipproċessa d-data personali tiegħek u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/data-protection?lg=mt>. ◀

►<sup>(1)</sup> **M6**

## ▼ M5

## Parti C

## 1. Rekwiżiti għall-Istati Membri li ma jirrikjedux li jiġi pprovdut numru ta' identifikazzjoni personali/numru ta' dokument ta' identifikazzjoni personali (formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ — Parti A)

Stat Membru	Firmatarji li d-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom għandha tiġi ppreżentata lill-Istat Membru kkonċernat
Il-Belġju	— residenti fil-Belġju — ċittadini Belġjani li jirresjedu barra mill-pajjiż jekk ikunu infurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom dwar il-post ta' residenza tagħhom
Id-Danimarka	— residenti fid-Danimarka — ċittadini Daniżi li jirresjedu barra mill-pajjiż jekk ikunu infurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom dwar il-post ta' residenza tagħhom
Il-Ġermanja	— residenti fil-Ġermanja — ċittadini Ġermaniżi li jirresjedu barra mill-pajjiż jekk ikunu infurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom dwar il-post ta' residenza tagħhom
L-Estonja	— residenti fl-Estonja — ċittadini Estonjani li jirresjedu barra mill-pajjiż
L-Irlanda	— residenti fl-Irlanda
Il-Lussemburgu	— residenti fil-Lussemburgu — ċittadini Lussemburgiżi li jirresjedu barra mill-pajjiż jekk ikunu infurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom dwar il-post ta' residenza tagħhom
In-Netherlands	— residenti fin-Netherlands — ċittadini Netherlandiżi li jirresjedu barra mill-pajjiż
Is-Slovakkja	— residenti fis-Slovakkja — ċittadini Slovakkji li jirresjedu barra mill-pajjiż
Il-Finlandja	— residenti fil-Finlandja — ċittadini Finlandiżi li jirresjedu barra mill-pajjiż
Ir-Renju Unit	— residenti fir-Renju Unit

## 2. Lista tal-Istati Membri li jirrikjedux li jiġi pprovdut wieħed min-numri ta' identifikazzjoni personali/numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali, kif speċifikat hawn taħt u maħruġa mill-Istat Membru kkonċernat (il-formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ — Parti B)

## IL-BULGARIJA

— Единен граждански номер (numru personali)

## IR-REPUBBLIKA ĊEKA

— Občanský průkaz (karta tal-identità nazzjonali)

— Cestovní pas (passaport)

## IL-GREĊJA

— Δελτίο Αστυνομικής Ταυτότητας (karta tal-identità)

▼ M5

- Διαβατήριο (passaport)
- Βεβαίωση Εγγραφής Πολιτών Ε.Ε./Εγγραφο πιστοποίησης μόνιμης διαμονής πολίτη Ε.Ε. (ċertifikat ta' residenza/ċertifikat ta' residenza permanenti)

## SPANJA

- Documento Nacional de Identidad (karta tal-identità)
- Pasaporte (passaport)
- Número de Identidad de Extranjero, de la tarjeta o certificado, correspondiente a la inscripción en el Registro Central de Extranjeros (numru ta' identifikazzjoni ta' barrani (NIE), tal-karta jew ċertifikat, li jikkorrispondi mar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Ċentrali tal-Barranin)

## FRANZA

- Passeport (passaport)
- Carte nationale d'identité (karta tal-identità nazzjonali)

## IL-KROAZJA

- Osobni identifikacijski broj (numru ta' identifikazzjoni personali)

## L-ITALJA

- Passaporto (passaport), inclusa l'indicazione dell'autorità di rilascio (li jinkludi l-awtorità li toħorġu)
- Carta di identità (karta tal-identità), inclusa l'indicazione dell'autorità di rilascio (li tinkludi l-awtorità li toħroġha)

## ĊIPRU

- Δελτίο Ταυτότητας (karta tal-identità tal-persuna nazzjonali jew tar-resident)
- Διαβατήριο (passaport)

## IL-LATVJA

- Personas kods (numru ta' identifikazzjoni personali)

## IL-LITWANJA

- Asmens kodas (numru personali)

## L-UNGHERIJA

- személyazonosító igazolvány (karta tal-identità)
- útlevel (passaport)
- személyi azonosító szám (személyi szám) (numru ta' identifikazzjoni personali)

## MALTA

- Karta tal-Identità (karta tal-identità)
- Dokument ta' residenza (dokument ta' residenza)

## L-AWSTRIJA

- Reisepass (passaport)
- Personalausweis (karta tal-identità)

## IL-POLONJA

- Numer ewidencyjny PESEL (numru ta' identifikazzjoni PESEL)

## IL-PORTUGALL

- Bilhete de identidade (karta tal-identità)
- Passaporte (passaport)
- Cartão de Cidadão (karta taç-ċittadin)

▼ M5

IR-RUMANIJA

- carte de identitate (karta tal-identità)
- pașaport (passaport)
- certificat de înregistrare (ċertifikat tar-reġistrazzjoni)
- carte de rezidență permanentă pentru cetățenii UE (karta ta' reżidenza permanenti għaċ-ċittadini tal-UE)
- Cod Numeric Personal (numru ta' identifikazzjoni personali)

IS-SLOVENJA

- Enotna matična številka občana (numru ta' identifikazzjoni personali)

L-IŻVEZJA

- Personnummer (numru ta' identifikazzjoni personali)

**▼B***ANNEX IV***ĊERTIFIKAT LI JIKKONFERMA L-KONFORMITÀ TA' SISTEMA TA' ĠBIR ONLINE MAR-REGOLAMENT (UE) Nru 211/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAS-16 TA' FRAR 2011 DWAR L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI**

... (isem tal-awtorità kompetenti) ta' ... (isem tal-Istat Membru) b'dan tiċċertifika li s-sistema ta' ġbir online ... (indirizz tal-websajt) li tintuża għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal ... titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta) tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

▼ **M5**

## ANNEX V

**FORMOLA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' DIKJARAZZJONIJIET TA' APPOĠĠ  
LILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-ISTATI MEMBRI**

1. Ismijiet sħaħ, indirizzi postali u indirizzi e-Mail tal-persuni ta' kuntatt (ir-rappreżentant u s-sostitut tal-kumitat taċ-ċittadini):
2. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:
3. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni:
4. Data ta' reġistrazzjoni:
5. Għadd ta' firmatarji li għejjin minn (isem tal-Istat Membru):
6. Għadd totali ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura:
7. Għadd ta' Stati Membri fejn intlaħaq il-limitu:
8. Annessi:  
  
(Inkludi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha mill-firmatarji li jridu jiġu vverifikati mill-Istat Membru rilevanti.  
  
Jekk applikabbli, inkludi ċ-ċertifikat(i) rilevanti ta' konformità tas-sistema ta' ġbir online mar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.)
9. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta u li inġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.
10. Data u firma ta' waħda mill-persuni ta' kuntatt (rappreżentant/sostitut <sup>(1)</sup>):

<sup>(1)</sup> Ħassar kif meħtieġ

**▼B***ANNEX VI***ĊERTIFIKAT LI JIKKONFERMA N-NUMRU TA' DIKJARAZZJONIJIET  
TA' APPOĠĠ VALIDI MIĠBURA GĦAL ... (ISEM TAL-ISTAT  
MEMBRU)**

... (isem tal-awtorità kompetenti) ta' ... (isem tal-Istat Membru), wara li għamlet il-verifiki neċessarji mitluba mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, b'dan tiċċertifika li ... dikjarazzjoni(jiet) ta' appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bin-numru ta' reġistrazzjoni ... huma validi skont id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

Data, firma u timbru uffiċjali tal-awtorità kompetenti:



M5

## ANNEX VII

**FORMOLA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI  
LILL-KUMMISSJONI EWROPEA**

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini:
2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni:
3. Data ta' reġistrazzjoni:
4. Għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura (għandu jkun mill-inqas miljun):
5. Numru ta' firmatarji ċċertifikati mill-Istati Membri:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU
Għadd ta' firmatarji																
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	L-AMMONT TOTALI			
Għadd ta' firmatarji																

6. Ismijiet sħaħ, indirizzi postali u indirizzi e-Mail tal-persuni ta' kuntatt (ir-rappreżentant u s-sostitut tal-kumitat taċ-ċittadini) <sup>(1)</sup>.
7. Indika s-sorsi kollha tal-appoġġ u l-finanzjament għall-inizjattiva, inkluż l-ammont tal-appoġġ finanzjarju fil-ħin tal-preżentazzjoni <sup>(1)</sup>:
8. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta u li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati fir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ġew osservati.  
  
Data u firma ta' waħda mill-persuni ta' kuntatt (rappreżentant/sostitut <sup>(2)</sup>):
9. Annessi:  
  
(Inkludi ċ-ċertifikati kollha)

<sup>(1)</sup> Dikjarazzjoni dwar il-privatezza: f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, is-suġġetti tad-dejta huma informati li din id-dejta personali qed tinġabar mill-Kummissjoni għall-iskop tal-proċedura fir-rigward tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni se jkunu disponibbli għall-pubbliku biss l-ismijiet sħaħ tal-organizzaturi, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u tal-finanzjament. Is-suġġetti tad-dejta huma intitolati joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali tagħhom għal raġunijiet leġittimi aċċettabbli relatati mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, u jitolbu r-rettifika ta' dik id-dejta f'kull waqt u t-tneħħija tagħha mir-reġistru online tal-Kummissjoni wara l-iskadenza ta' sentejn mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

<sup>(2)</sup> Flassar kif meħtieġ